32000R1509

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru1509/2000

tat-12 ta' Lulju 2000

li jemenda punti fl-ispeċifikazzjonijiet ta' diversi ismijiet elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' oriġini skond il-proċedura stipulata bl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 tal-14 Lulju 92 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' oriġini għal prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1068/97 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Konformi ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Gvern Franċiż talab li jiġu emendati xi punti fl-ispeċifikazzjonijiet għal diversi ismijiet reġistrati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 813/2000 [4]. Dawk l-applikazzjonijiet ġew kunsidrati u l-emendi ġew meqjusa li huma żgħar.

(2) Fir-rigward ta' l-isem "Volailles de Bresse" reġistrat bħal titolu ta' oriġini protett skond "ħtiġijiet nazzjonali" fl-ispeċifikazzjoni li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, "Digriet tal-4 Jannar 1995" għandu jiġi sostitwit bi "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Volailles de Bresse'". Id-digriet il-ġdid jieħu post dak ta' qabel sabiex jittieħed kont ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

(3) Fir-rigward ta' l-isem " Miel de Sapin des Vosges" reġistrat bħala titolu ta' oriġini protett fl-ispeċifikazzjoni li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, ir-riferenzi kollha għad-digriet Franċiż tat-30 Lulju 1996 għandhom jiġu sostitwiti bi "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Miel de Sapin des Vosges'". Id-digriet il-ġdid jieħu post dak ta' qabel sabiex jittieħed kont ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

(4) Fir-rigward ta' l-isem "Chaource" reġistrat bħal titolu ta' oriġini protett skond "ħtiġijiet nazzjonali" fl-ispeċifikazzjoni li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, "Digriet tad-29 Diċembru 1986" għandu jiġi sostitwit bi "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Chaource'". Id-digriet il-ġdid jieħu post dak ta' qabel sabiex jittieħed kont ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Jemenda wkoll id-diċitura tad-dispożizzjonijiet transizzjonali dwar il-possibilità ta' l-immaturar tal-ġobon barra ż-żona ġeografika.

(5) Fir-rigward ta' l-isem "Foin de Crau" reġistrat bħal titolu ta' oriġini protett skond "ħtiġijiet nazzjonali" fl-ispeċifikazzjoni li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, "Digriet tal-31 Mejju 1997" għandu jiġi sostitwit bi "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Foin de Crau'". Id-digriet il-ġdid jieħu post dak ta' qabel sabiex jittieħed kont ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

(6) Fir-rigward ta' l-isem "Lentille verte du Puy" reġistrat bħal titolu ta' oriġini protett fl-ispeċifikazzjoni li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, ir-riferenzi kollha għad-digriet Franċiż tat-7 Awissu 1996 għandhom jiġu sostitwiti bi "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Lentille verte du Puy'". Id-digriet il-ġdid jieħu post dak ta' qabel sabiex jittieħed kont ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Jemenda wkoll id-diċitura tad-dispożizzjoni dwar il-kondizzjonijiet tekniċi li permezz tagħhom jiġi mnixxef l-għads.

(7) Fir-rigward ta' l-isem "Olives noires de Nyons" reġistrat bħala titolu ta' oriġini protetta fl-ispeċifikazzjoni li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, dettal ġdid għandu jiġi miżjud sabiex jippermetti tolleranza fid-dijametru minimu taż-żebbuġa ta' 14 mm. Konsegwentement, 5 % taż-żebbuġ jistgħu jkunu mhux inqas minn 13 mm fid-dijametru. Dan ma jolqotx ir-rabta bejn il-prodott u ż-żona nominata.

(8) Konformi ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Gvern tal-Lussemburgu talab li l-ispeċifikazzjonijiet ta' żewġ ismijiet jiġu emendati. Billi dawn huma biss alterazzjonijiet żgħar ħafna fl-ismijiet, huma meqjusa bħala emendi żgħar.

(9) Fir-rigward ta' l-isem "Miel il-Lussemburgu de marque nationale" reġistrat bħala titolu ta' oriġini protett, għandu jiġi emendat għal "Miel - Marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu".

(10) Fir-rigward ta' l-isem "Beurre rose de marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu", dan għandu jiġi emendat għal "Beurre rose - Marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu".

[1] ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10.
[3] ĠU L 148, tal-21.6.1996, p. 1.
[4] ĠU L 100, ta' l-20.4.2000, p. 5.

(11) Konformi ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Gvern Ġermaniż talab li jiġi emendat punti fl-ispeċifikazzjoni għall-isem "Schwarzwaldforelle" reġistrat bħala indikazzjoni ġeografika protetta bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2325/97 [1]. Is-sentenza "Iż-żieda ta' l-ossiġinu pur għat-trobbija tat-trota fil-Foresta s-Sewda hija projbita" qed tiġi mibdula bi "It-trobbija tat-trota fil-Foresta s-Sewda fi stallazzjonijiet ta' ċirkuwitu magħluq hija projbita". Dana peress illi ż-żieda ta' l-ossiġinu pur saret prattika komuni ġo farms tal-ħut għal raġunijiet ekonomiċi u ekoloġiċi, mingħajr ma tfixkel il-kwalità tal-prodott jew tolqot ir-rabta bejn il-prodott u ż-żona nominata. Ittejjeb is-saħħa tal-ħut u għandha l-appoġġ tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi l-aktar riċenti dwar dan is-suġġett. B'riżultat ta' dan, hija meqjusa bħala emenda żgħira.

(12) (11) Konformi ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, il-Gvern Grieg talab li jiġu emendati punti fl-ispeċifikazzjoni għall-isem "Kasseri" reġistrat bħala indikazzjoni ta' oriġini protetta bir-Regolament (KE) Nru 1107/96, sabiex jiżdied il-kontenut massimu ta' umdità ta' dan il-ġobon minn 40 % għal 45 %, i.e. il-limitu li japplika għal ġobon simili ta' ebusija medja li jikkompetu ma' Kasseri. Il-limitu ta' 40 % huwa diffiċli li jinkiseb fil-prattika. Billi r-rabta bejn il-prodott u ż-żona nominata m'hijiex milquta, din hija meqjusa bħala emenda żgħira.

(13) Konformi mal-proċedura stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, bid-deċiżjoni tas-6 Ġunju 2000 il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tapplikax il-proċedura ta' l-Artikolu 6, billi qieset l-emendi bħala żgħar.

(14) L-emendi nstabu wkoll li jħarsu r-Regolament (KEE) Nru 2081/92. B'riżultat ta' dan, għandhom jiġu reġistrati u pubblikati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi elenkati fl-Anness huma reġistrati u pubblikati konformi ma' l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE)Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 322, tal-25.11.1997, p. 33.

L-ANNESS

FRANZA/FRANCE

Volailles de Bresse

Ħtiġijiet (jekk hemm) (L-Artikolu 4(2)(i)):

Minflok"Digriet ta' l-4 Jannar 1995" aqra "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Volailles de Bresse'".

Miel de Sapin des Vosges

Ħtiġijiet (jekk hemm) (L-Artikolu 4(2)(i)):

Minflok"Digriet tat-30 Lulju1996" aqra "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Miel de Sapin des Vosges'".

Chaource

Ħtiġijiet (jekk hemm) (L-Artikolu 4(2)(i)):

Minflok"Digriet tad-29 Diċembru 1986" aqra "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Chaource'".

Foin de Crau

Ħtiġijiet (jekk hemm) (L-Artikolu 4(2)(i)):

Minflok"Digriet tal-31 Mejju 1997" aqra "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Foin de Crau'".

Lentille verte du Puy

Ħtiġijiet (jekk hemm) (L-Artikolu 4(2)(i)):

Minflok"Digriet tas-7 Awissu 1996" aqra "Digriet dwar it-titolu ta' oriġini reġistrat 'Lentille verte du Puy'".

Olives noires de Nyons

Deskrizzjoni (L-Artikolu 4(2)(b))

"5 % taż-żebbuġ jista' jkun mhux inqas minn 13 mm fid-dijametru".

IL-LUSSEMBURGU

Miel luxembourgeois de marque nationale

Isem (L-Artikolu 4(2)(a))

Minflok "Miel il-Lussemburgu de marque nationale" aqra "Miel - Marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu".

Beurre rose de marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu

Isem (L-Artikolu 4(2)(a))

Minflok "Beurre rose de marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu", aqra "Beurre rose - Marque nationale du Grand-Duché de Lussemburgu".

IL-ĠERMANJA

Schwarzwaldforelle

Metodu ta' produzzjoni (L-Artikolu 4(2)(e)

Minflok "Iż-żieda ta' l-ossiġinu pur għat-trobbija tat-trota fil-Foresta s-Sewda hija projbita" aqra "It-trobbija tat-trota fil-Foresta s-Sewda fi stallazzjonijiet ta' ċirkuwitu magħluq hija projbita".

IL-GREĊJA

Kasseri

Deskrizzjoni (L-Artikolu 4(2)(b))

Minflok "b'kontenut massimu ta' umdità ta' 40 %" aqra "b'kontenut massimu ta' umditàta' 45 %".